

32006R1507

12.10.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 280/9

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1507/2006**tal-11 ta' Ottubru 2006**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000, ir-Regolament (KE) Nru 884/2001 u r-Regolament (KE) Nru 753/2002, li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, rigward ir-regoli tal-użu ta' biċċiet tal-injam tal-ballut fl-elaborazzjoni tal-inbejjed u tal-għażla u l-preżentazzjoni tal-inbejjed trattati b'dan il-mod

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1), l-Artikolu 53(1) u l-Artikolu 70(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 tal-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità dwar il-prattiċi u l-proċessi enoloġiċi², jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq u ċertu kondizzjonijiet għall-użu tas-sustanzi li huma awtorizzati mir-Regolament (KE) Nru 1493/1999. Wara ż-żieda fil-lista tal-prattiki enoloġiċi awtorizzati tal-anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, tal-użu tal-biċċiet tal-ballut fl-elaborazzjoni tal-inbejjed, ikun xieraq li jiġu ffixxati l-limiti u l-kundizzjonijiet tal-użu għal dan il-materjal. Dawk previsti b'dan ir-Regolament huma konformi mal-preskrizzjonijiet awtorizzati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u tal-Inbid.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 884/2001 tal-Kummissjoni tal-24 ta' April 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati tal-applikazzjoni li jikkonċerna d-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr ta' prodotti tal-inbid u r-rekords li għandhom ikunu miżmuma fis-settur tal-inbid³ jiffissa r-regoli dwar l-indikazzjonijiet li għandhom jissemmew fid-dokumenti li jakkumpanjaw u dwar iż-żamma tar-reġistri tad-dħul u l-irtirar

¹ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2165/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 1).

² ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 643/2006 (ĠU L 115, 28.4.2006, p. 6).

³ ĠU L 128, 10.5.2001, p. 32. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 643/2006.

speċjalment l-indikazzjoni ta' ċerti manipulazzjonijiet fir-reġistri. Il-karatteristiċi partikolari tal-użu tal-biċċiet tal-injam tal-ballut fl-inbid jeħtieġu li dan l-użu jkun indikat fid-dokumenti li jakkumpanjaw u fir-reġistri.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni tal-oriġini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid⁴ jiffissa l-kundizzjonijiet tal-użu tal-indikazzjonijiet dwar il-metodu tal-elaborazzjoni tal-prodott. L-użu tal-biċċiet tal-injam tal-ballut fil-vitikultura jagħti toġhma ta' injam bħal dik li tinsab f'inbid elaborat f'bittija tal-ballut. Għalhekk ikun diffiċli għal konsumatur medju biex jiddetermina b'liema metodu jkun ġie elaborat il-prodott. L-użu tal-biċċiet tal-injam tal-ballut fil-vinikultura huwa interessanti ħafna għall-produtturi tal-inbid mil-lat ekonomiku u għandu impatt fuq il-prezz tal-bejgħ tal-prodott. Jista' jirriżulta li l-konsumatur jiġi mqarraq meta t-tikketta ta' nbid elaborat permezz ta' biċċiet tal-injam tal-ballut ikollha termini jew espressjonijiet li jġiegħlu lill-konsumatur jemmen li l-inbid ikun ġie elaborat fi btieti tal-ballut. Biex jiġi evitat id-diżgwid tal-konsumatur u kull tfixkil fil-kompetizzjoni bejn il-produtturi, ikun xieraq li jiġu stabbiliti regoli ta' ttikkettjar xierqa.
- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1622/2000 għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 18b li ġej:

“Artikolu 18b

Użu tal-injam tal-ballut

L-użu tal-biċċiet tal-injam tal-ballut previst fil-paragrafu 4(e) tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jista' jitwettagħ biss jekk jilħaq il-ħtiġijiet stabbiliti fl-Anness XIa għal dan ir-Regolament.”

- 2) It-test stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament għandu jiddaħħal bħala Anness XIa.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 884/2001 għandu jiġi emendat kif ġej:

⁴ ĠU L 118, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 261/2006 (ĠU L 46, 16.2.2006, p. 18).

- (1) Fl-Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 884/2001, għandu jiddaħħal l-inċiż li ġej:

«— l-użu ta' biċċiet tal-injam tal-ballut fil-vinikultura»

- (2) Fl-Anness II, il-paragrafu B, punt 3.2, għanda tizzied iċ-ċifra 8a:

"8a: Il-prodott ġie elaborat bl-użu ta' biċċiet tal-injam tal-ballut."

Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 753/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) Fl-Artikolu 22, għandu jinżied il-paragrafu 3 kif ġej:

«3. Għad-deskrizzjoni ta' nbid iffermentat, żviluppat jew immaturat f'kontenitur tal-injam tal-ballut, l-ismijiet li jidhru fl-Anness X huma l-uniċi li jistgħu jintużaw. Madankollu, għall-inbejjed ta' din ix-xorta, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ismijiet oħra ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness X, bil-paragrafi 1 u 2 japplikaw *mutatis mutandis*.

L-użu ta' wieħed mill-ismijiet indikati fl-Anness X hu permess meta l-inbid ikun immatura fil-kontenitur tal-injam tal-ballut skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, anki meta l-maturazzjoni tiġi mtawla f'tip ieħor ta' kontenitur. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu hađu sabiex jimplimentaw dan il-paragrafu.

Għad-deskrizzjoni ta' nbid elaborat permezz ta' biċċiet ta' njam tal-ballut, anki flimkien mal-użu ta' kontenitur(i) tal-injam tal-ballut, l-ismijiet indikati fl-Anness X ma jistgħux jintużaw."

- 2) L-Anness X għandu jiġi ssostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I**'ANNESS XIa****Ħtiġijiet għal biċċiet ta' injam tal-ballut****GĦAN, ORIĠINI, U PORTATA TAL-APPLIKAZZJONI**

Il-biċċiet tal-injam tal-ballut jintużaw għall-elaborazzjoni tal-inbid biex jgħaddu ċerti karatteristiċi tal-injam tal-ballut fl-inbid.

Il-biċċiet tal-injam tal-ballut għandhom joriġinaw esklussivament mill-ispeċi tal-*Quercus*.

Jistgħu jitħallew fl-istat naturali tagħhom, jew jiġu msaħħna f'temperatura baxxa, medja jew għolja, iżda ma jistgħux ikunu għaddew minn kombustjoni, inkluża kombustjoni fis-superfiċje, ma jistax ikun fihom il-karbonju u ma jistgħux jitrammlu malli jintmessu. Ma jistgħux ikunu għaddew minn trattamenti kimiċi, enzimatiċi jew fiżiċi, għajr sħana. L-ebda prodott ma jista' jiżdied għall-għan li tiżdied it-togħma naturali jew l-ammont tal-komposti fenoliċi tagħhom.

TIKKETTJAR TAL-PRODOTT

It-tikketta għandha ssemmi l-oriġini tal-ispeċi botanika tal-ballut u l-intensità ta' kwalunkwe sħana, kundizzjonijiet ta' ħażna u prekawzzjonijiet ta' sigurtà.

DIMENSJONIJIET

Id-dimensjonijiet tal-injam tal-ballut għandhom ikunu tali li mill-inqas 95 % fil-piż għandu jinżamm permezz ta' filter *mesh* ta' 2 mm (9 *mesh*)

PURITÀ

Il-biċċiet tal-injam tal-ballut ma jistgħux jirrilaxxaw sustanzi f'konċentrazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' dannu għas-saħħa.

Dan it-trattament għandu jkun reġistrat fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999. '

ANNEX II**'ANNEX X****Termini awtorizzati fl-ittikkettjar tal-inbejjed skont l-Artikolu 22(3)**

'iffermentat f' krietel'	'immaturat f' krietel'	'misjur f' krietel'
'iffermetat f' btieti tal-ballut'	'immaturat f' btieti tal-ballut'	'misjur f' btieti tal-ballut'
'iffermentat f' btieti'	'immaturat f' btieti'	'misjur f' btieti'

c